MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Numru. 301/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Omissis**
**Jonathan Decelis**
**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **Omissis**, **Jonathan Decelis** ta’ 29 sena, iben Filomeno u Grace xebba Dalli, mwieled gewwa l-Pieta` nhar it-23 ta’ Awwissu 1983, u residenti fil-fond Block 4, Flat 3, Triq Betta, Tarxien, detentur tal-Karta ta’ l-Identita` numru 419584 (M) **u Omissis** gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Matul il-gurnata tat-18 ta’ Marzu, 2014, u kif ukoll fil-gimghat ta’ qabel gewwa l-lokalita’ tar-Rabat, Malta jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:-

1. flimkien ma’ persuna/i ohra kkommettew serq ta’ materjal/pjanci tal-hadid minn gewwa l-lukanda maghrufa bhala Verdala Hotel, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgħa w għoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li liema serq sar għad-dannu ta’ Anglu Xuereb u/jew ta’ persuni oħra u dan bi ksur tal-Artikli 18, 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263 u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ, u cioe`, il-kaxxa tad-donazzjonijiet u l-flus imsemmija, misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi **Omissis** gie akkuzat ukoll:-

1. talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Illi **Jonathan Decelis** wahdu gie akkuzat ukoll:-

1. talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghotija lilu fit-03 ta’ April, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. Jaqueline Padovani LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Illi **Omissis** wahdu gie akkuzat ukolli:-

1. talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

2. talli fl-istess perjodu saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBB727 tal-ghamla Tata u vettura bin-numra tar-registrazzjoni CBL721 tal-ghamla Skoda f'dawn il-gzejjer meta ma kellux licenzja tas-sewqan u meta kellu l-istess licenzja tas-sewqan sospiza u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta ghall-terzi persuni.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni (2) akkuza tar-ricettazzjoni fil-konfront tal-imputati kollha;

Rat illi fl-istess seduta l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-akkuzi kollha dedotti kontrih minbarra t-tieni akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni; liema ammissjoni giet rikonfermata mill-imputat fis-seduta tal-lum;

Rat illi Dr. Joseph Ellis ghall-imputat Jonathan Decelis talab li jsir *pre-sentencing report* fir-rigward tal-istess imputat;

Rat li l-Qorti laqghat it-talba u nnominat lill-Probation Officer Saviour Lia ghal dan il-ghan stante li diga qieghed isegwi lill-imputat;

Rat li l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex tkun tista' tinghata sentenza fil-konfront ta' Omissis filwaqt li jkun jista' jsir il-*pre-sentencing report* fil-konfront tal-imputat u ghalhekk din is-sentenza hija biss fil-konfront tal-imputat Jonathan Decelis;

Rat li din il-Qorti laqghat l-istess talba;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' April 2014 deher il-Probation Officer Saviour Lia li pprezenta bil-gurament il-*pre-sentencing report;*

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi **l-imputati ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghat-tieni akkuza tar-ricettazzjoni li giet irtirata seduta stante mill-Prosekuzzjoni,** u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi minn dak relatat lilha bil-gurament mill-Probation Officer u minn qari tal-*pre-sentencing report* imhejji minnu, gew indikati lill-Qorti l-problemi li l-imputat ilu jaffaccja minn mindu kien ta' eta` zghira u li l-imputat huwa facilment influwenzat minn persuni ohra. Gie indikat ukoll lill-Qorti illi l-imputat ghandu bzonn gwida biex kemm jista' jkun jaghraf jieqaf ghall-istess influwenzi hziena u li l-ahjar mod kif ghandha titratta mal-imputat huwa permezz ta' ordni ta' probation u li jinghata piena pekunjarja fil-minimu taghha ghall-ksur tal-Ordni ta' Probation precedenti u dan in vista tal-limitazzjonijiet finanzjarji tieghu.

Illi din il-Qorti, wara li rat il-motivazzjonijiet li wasslu ghall-konkluzzjoni fil-*pre-sentencing report*, hija tal-istess fehma li esprima l-Probation Officer fil-konkluzzjonijiet tieghu u tqis li jkun ferm utli ghall-imputat li jigi ggwidat minn ufficjal tal-Probation.

Pero din il-Qorti qieghdha twissi lill-imputat illi dawn il-Qrati tawh l-opportunitajiet kollha li setghu biex huwa jsib l-ghajnuna professjonali li ghandu bzonn u ghalhekk ghandu jsegwi l-istruzzjoniiet kollha moghtija mill-Ufficjal ta' Probation inkarigat biex ma jergghax jispicca quddiem dawn il-Qrati. Il-Qorti qieghdha tfiehem lill-imputat li s'issa dawn il-Qrati dejjem fehmu c-cirkostanzi partikolari tieghu imma l-imputat da parti tieghu irid jaghmel hiltu sabiex ma jergghax jaqa' fi crieki ta' persuni li jikkonducuh li jwettaq attivitajiet illegali.  Ghal dan il-ghan, din il-Qorti se tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation fil-massimu taghha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli  18,  261 (a) (b) (c), 261 (1) (b), 263, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,   fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dwar ir-ricettazzjoni stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, hlief kif inghad iktar 'il fuq tat-tieni akkuza tar-ricettazzjoni, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat **Jonathan Decelis** taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin  mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, il-Qorti qieghdha **tikkundanna lill-imputat Jonathan Decelis** ghall-**hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25)** fuq il-ksur tal-Ordni ta' Probation tat-3 ta' April 2012.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat. Il-Qorti tirrikomanda li l-imputat jibqa' jigi segwit mill-Probation Officer li prezentement qieghed isegwih u cioe Saviour Lia.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------